MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru 393/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Galea Scannura)**

**vs**

**Colin Gauci**
**Roselyn Zerafa**

**Seduta tal-lum 15 ta' Jannar, 2004**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Colin Gauci** mwieled il-Pieta' fit-23 t'Awissu, 1980, bin George u Guza *nee'* Hili, residenti Flat 5, 'Family Flats, Valletta Road, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita, numru 442380M;

**Roselyn Zerafa** mwielda Hal-Qormi fit-12 t'Awissu, 1974, bint George Guaci u Guza *nee'* Hili, residenti 'Aurora Flats', Flat 1, Triq is-Sarg, Msida, u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 419674M;

Talli fl-10 t'April, 2003, ghall-habta tan-12.30p.m., gewwa Triq
id-Deheb Fin, Hal-Qormi, ingurajtu jew heddidtu jew ghamiltu offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' WPC 217 Alison Formosa u WPC 218 Marika Formosa nkarigti skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu tali servizz jew bi hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess data, hin u lok hebejtu u heddidtu lil WPC 217 Alison Formosa u WPC 218 Marika Formosa;

Wkoll talli fl-istess data, hin u lok m'obdejtux ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallejthux jew fixkiltu waqt li kienu qed jaqdu d-dmirijiet taghhom;

Wkoll talli fl-istess data, hin u lok ghedtu kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

Wkoll talli fl-istess data, hin u lok ksirtu l-paci pubbliku b'ghajjat u glied;

Wkoll lil Colin Gauci talli fl-istess data u lok ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn Hamsin Lira u inqas minn Hames Mitt Lira u saret fuq il-bieb ta' barra ta' James Formosa;

Wkoll lil Colin Gauci talli fl-istess data, hin u lok ikkagunajt feriti ta' natura fuq il-persuna ta' James Formosa, u dan

skond kif iccertifika Dr. Jozef M.D. reg. no. 1846 tac-Centru tas-Sahha ta’ Hal-Qormi;

Wkoll lil Colin Gauci talli fl-istess data, hin u lok hebbejt ghall-istess persuna sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmilha hsara.

Rat il-kunsens tal-avukat generali datat 7 ta’ Mejju, 2003, sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz tressaq ghall-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti wara illi tlieta minn erba kwerelanti, membri tal-Korp tal-Pulizija, kienu involuti fi kwistjoni mal-gara taghhom, l-imputati, dwar parking ta’ vettura. Jirrizulta illi l-kwerelant George Polidano ipparkja b’mod li ghalih kien tajjeb izda ghall-imputata ma kienx u ma setghetx tohrog bil-vettura taghha. Geroge Polidano jghid illi huwa nizel mil-flat appena sema lill-imputata ddoq il-horn, skuza ruhu u caqlaq il-karozza meta bdiet tghajru l-imputata u qamet kwistjoni shiha fejn involviet il-partijiet kollha. L-imputata tghid illi kien George Polidano li beda jghajjarha meta nizel icaqlaq il-karozza.

Jirrizulta ukoll illi hadd mill-kwerelanti ma kien fuq dmirijiet ufficjali fil-hin tal-incident.

Ikkunsidrat illi l-Qorti hija rinfacjata b’zewg verzjonijiet izda fl-istess hin hija trid tqis ukoll illi l-imputati tressqu biex iwiegbu ghal akkuzi serji bhal offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ missier tnejn mill-kwerelanti kif ukoll hsara volontarja fuq il-bieb tal-istess missier meta la ngieb certifikat mediku, la prova ta’ hsara fl-ammont allegat ta’ Lm150 u wisq anqas ricevuta. James Formosa qal li kienet martu li cemplitlu biex tghidlu li Colin Gauci kien

qed ikisser il-bieb taghha izda din qatt ma ngiebet biex tixhed.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-kaz tal-prosekuzzjoni kien fjakk hafna u fic-cirkostanza priv minn kull prova li tista twassal ghal-sejbien ta’ htija.  Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lil-imputati hatja u tilliberhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------